


# 90 sena ta' storja... Il-Kamra tan-nar San Mikiel, Ħal Lija

**miktuba minn Mark Sciberras u Carlston Grima**

Fil-bidu tas-seklu għoxrin, f'Ħal Lija diġà konna nsibu diversi każini jew soċjetajiet, li l-għan prinċipali tagħhom kien komuni, dak li jieħdu ħsieb jorganizzaw u jkabbru minn sena għal sena l-festa tas-Salvatur. Dawn is-soċi ħassew il-bżonn li jkompli jkabbru din il-festa li kienet wisq għażiża għalihom b'modi diversi. Dehrilhom li mal-funzjonijiet tal-knisja, mal-armar u t-tiżjin tat-toroq, mal-marċi u l-programmi tal-banda, kellhom ukoll b'mod partikolari jagħtu spinta u jieħdu inizjattiva ġdida biex aktar 'il quddiem ikun hawn aktar nar għall-festa.

Kif kulħadd jaf, in-nar ma setax jinħadem fil-każini u qalb in-nies. Għal dan il-għan xi dilettanti l-aktar akkaniti għan-nar u tal-festa ħasbu li jagħmlu talba formali lill-Kappillan ta dak iż-żmien, li kien Dun Anton Buhagiar, sabiex jagħtihom xi għelieqi li kien jinsabu ħdejn il-kappella ta' San Mikiel, biex fuq din il-biċċa art tinbena l-kamra tan-nar. Il-Kappillan laqa' t-talba ta' dawn il-Lijani u minn hemm beda l-isem glorjuż tal-Kamra tan-Nar San Mikiel, Ħal Lija. Wara li l-kappillan laqa t-talba ta' dawn il-pijunieri, fl-1925, bl-għajnuna ta' xi kuntratturi beda l-bini tal-kamra tan-nar, eżatt wara l-kappella ta' San Mikiel.

Kienu ħafna rġiel u żgħażagħ li middew għonqhom għax-xogħol u bdew jitilgħu jnaddfu t-terrapien mis-sit ta' fejn kellha tinbena l-kamra. Il-kamra tan-nar inbniet mill-bennejja tar-raħal stess. Il-ġebel u kulma kien jinħtieġ kien jinġarr b'karrettun miġbud minn ħmara. Kuntrattur ieħor kien ukoll jibgħat nies impjegati miegħu biex iqattgħu l-blat. Barra minn hekk dan l-istess kuntrattur kien ukoll offra bosta bibien għall–kmamar li kienu nbnew. Wieħed irid josserva li meta ngħidu






kamra tan-nar, tkun qed tfisser il-kmamar kollha mqassmin u mibnijin 'il bogħod minn xulxin, ħalli dejjem jitnaqqas il-periklu. Huwa aktar floku li post bħal dan jissejjaħ kumpless fejn jinħadem in-nar.

Ma tantx dam ma tlesta l-bini tal-kamra u d-dilettanti tagħna bdew jaħdmu n-nar fiha. Mill-ewwel deher li l-entużjażmu li kellhom dawn in-nies ma kienx ftit għaliex dawn bdew jaħdmu kwalità ta' nar li kien isir f'dawk iż-żminijiet. Sa erba' snin wara, l-għadd ta' rġiel u żgħażagħ li kien jitilgħu jaħdmu n-nar kiber bi kbir. L-entużjażmu tal-festa kien jimbuttahom biex jaħdmu aktar u aktar.

Fl-1932 kien iċ-Ċentinarju ta' Kristu Salvatur. Dawn id-dilettanti li issa kien sabu saqajhom sew fix-xogħol pirotekniku, ħadmu fuq li ħadmu. Il-logħob tan-nar li beda jinħadem kien jispikka. Dak iż-żmien ukoll kien ġie ġo Ħal Lija l-Professur Taljan Gaffarelli li ħadem u għen mhux ftit. Miegħu ħadmu d-dilettanti tar-raħal tagħna li filwaqt li għenuh mhux ftit fix-xogħol tan-nar għarfu jieħdu mingħandu s-sengħa u bosta tagħrif ieħor li swiehom mhux ftit biex aktar 'il quddiem huma wkoll saru surmastrijiet f'dik li hija sengħa tan-nar li llum insejħulha piroteknika.

Maż-żmien waslu aktar ċentinarji u okkażjonijiet oħra fosthom pussessi ta' kappillani ġodda. Il-membri tal-Għaqda tan-nar qatt ma qagħdu lura u dejjem ħadmu fuq li ħadmu biex bħal dejjem isiru festi kbar ad unur Kristu Salvatur.

Mas-snin din l-Għaqda kompliet tistabbilixxi lilha nfisha bħala l-protagonista fl-arti piroteknika. Ġiet ikkumissjonata biex ittella' wirjiet tan-nar f'bosta okkażjonijiet. Minn avvenimenti nazzjonali għal festi oħra f'irħula kemm Malta kif ukoll f'Għawdex. Minn ċerimonji ta' ftuħ jew għeluq ta' avvenimenti sportivi miżmuma f'Malta sa konferenzi internazzjonali mtella' f'pajjiżna f'uħud mil-lukandi ewlenin ta' pajjiżna. Minn ftuħ uffiċjali ta' xi lukanda ġdida sa ftuħ ta' stabbiliment ġdid u għal bosta u bosta okkażjonijiet oħra ta' kull qasam.

Fl-1980, il-kamra tan-nar ġiet mistiedna biex tieħu sehem f'konkors pirotekniku ġewwa l-port ta' Monaco. Intgħażlet minn pajjizna biex tirrappreżenta lil Malta. Fit-13 ta' Awwissu 1980, il-kamra tan-nar ikkompetiet ma' pajjiżi bħal Spanja, l-Italja, il-Ġappun u l-Greċja. Ir-riżultat finali kien l-ewwel post.

Il-gazzetti rrappurtaw dan l-avveniment uniku għall-kamra tan-nar Maltija hekk: *The Times* tal-14 ta' Awwissu tgħid li kien it-Tlieta filgħaxija li ħareġ ir-riżultat meta l-grupp ċemplu Malta u taw l-aħbar li l-konkors ġie mirbuħ. It-*The Times* tkompli tgħidilna li l-Għaqda San Mikiel l-ewwel ħarqet salut u wara kompliet l-ispettaklu tagħha b'serje ta' murtali tal-kulur. Il-Ġimgħa, 15 ta' Awwissu, fil-festa ta' Santa Marija, il-kontinġent wasal l-ajruport ta' Malta fost iċ-ċapċip u ferħ minn mijiet ta' Lijani.

*Ikompli f'paġna 57*








It-*The Times* irrappurtat l-għada ta' dan l-avveniment b'rapport u erba' ritratti. Ir-rapport jgħidilna li kwantità kbira ta' nies invadew l-ajruport u kif ħarġu mid-dwana it-tim kien mgħolli fuq l-ispalla fost ċapċip kbir. Wara sar *carcade* sa Ħal Lija u ċ-ċelebrazzjonijiet komplew tul il-ġurnata kollha. Malta żgħira tagħna kkompetiet ma' ġganti ferm akbar minnha u bl-abbiltà u l-esperjenza vasta miġbura matul iż-żminijiet ħriġna rebbieħa. Kienet okkażjoni fejn in-nar Malti ġie mpoġġi fuq il-mappa tad-dinja piroteknika.

Ta' min isemmi wkoll li l-Għaqda tan-nar San Mikiel, mill-bidu nett, ħadet sehem fil-festival Piroteknku Malti li jsir fil-Port il-Kbir. Fl-2006, il-kamra tan-nar San Mikiel rebħet żewġ unuri kbar u importanti fejn għandha x'taqsam l-arti piroteknika. L-Għaqda rebħet il-kategoriji tal-aqwa murtali u l-aqwa kuluri. Il-pirotekniċi barranin

*Ikompli f'paġna 59*






bdew issa jħarsu lejn in-nar Malti b'rispett u stima. Issa din l-Għaqda tassew kienet wieqfa fuq saqajha u bħal dejjem baqgħet tħares u timmira lejn orizzonti ġodda.

Kienet minn tal-bidu li bdiet tippreżenta x-xogħol tan-nar tagħha b'mod innovattiv minn kif kien jiġi ppreżentat qabel. Kienet bdiet rinnovazzjoni sħiħa fl-arti piroteknika Maltija.

Il-wirjiet tan-nar tagħha saru famużi speċjalment l-esebizzjoni piroteknika li tittella' f'lejlet il-festa tas-Salvatur. Ta' kull sena, id-dilettanti tan-nar Maltin jiġu Ħal Lija bi ħġarhom u l-mistoqsija tagħhom dejjem tkun x'hemm ġdid għal din is-sena u dejjem jistennew xi sorpriża. Huwa fatt magħruf li kważi ta' kull sena ġo Ħal Lija tiġi introdotta xi innovazzjoni ġdida li tkompli żżid mal-kuluri, ħsejjes u effetti ferm oriġinali li jżewqu l-wirjiet pirotekniċi spettakolari tagħna.

Fl-2012, l-Għaqda tan-nar San Mikiel tirbaħ konkors Pirotekniku meta kkompetiet ma' ħames fabbriki tan-nar barranin; kumpaniji magħrufin mill-Kanada, l-Ingilterra, il-Polonja, l-Awstrija u l-Kroazja, u rebħet il-konkors b'esebizzjoni kbira li ġiet imfaħħra mid-dilettanti Maltin. Dan kollu ma ġiex waħdu. Huwa kollu frott ta' xogħol iebes u dedikazzjoni kbira.

Fis-sena 2015, il-kamra tan-nar San Mikiel ħadet sehem fil-Festival tal-Logħob tan-nar tal-art fil-fosos tal-Furjana. Ittellgħu żewġ irdieden kbar mekkanizzati u innovattivi, u rnexxielha tikseb l-ewwel post fl-oriġinalità u kklassifikat fit-tieni post mill-kmamar tan-nar kollha li ħadu sehem fil-festival.

L-akbar rispett għandu jmur għal dawk ta' qabilna li ħallewlna minjiera ta' informazzjoni u teknika. Aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar l-affarjiiet jinbidlu. It-teorija u t-teknika dejjem jikbru u allura l-progress li sar f'din l-arti kiber b'rata enormi. Biex wasalna fejn wasalna llum, f'dawn id-disgħin sena kien hemm episodji ta' glorja. Kien hemm ukoll inċidenti sfortunati u oħrajn ferm aktar sfortunati.

Minn hawn insellmu lil dawk kollha li xi darba jew oħra kienu membri attivi fi ħdan din l-Għaqda. Matul iż-żminijiet din l-Għaqda welldet u kabbret ismijiet kbar li għamlu isem kbir kemm lil Ħal Lija kif ukoll lil Malta. Dawn stabbilixxew reputazzjoni għalihom infushom u għar-raħal tagħna u għadhom imfakkra u msemmijin bl-akbar għożża sal-lum. Aħjar li ma jissemmewx ismijiet għax jista' jitħalla xi ħadd barra. Li hu importanti hu li nsellmulhom, kemm lil dawk li għadhom magħna, aktar u aktar lil dawk li ħallewna u m'għadhomx magħna. Kien il-bidu ferm diffiċli u d-determinazzjoni tagħhom li welldu lil din l-Għaqda. Ninsabu fejn ninsabu llum huwa dovut lilhom u kollu mertu tagħhom.

**Nota**: Bħalissa qed isir studju u analiżi, permezz ta' intervisti, biex din l-istorja tkompli tiġi aġġornata u msaħħa minn sorsi primarji. Hekk ikollna l-mumenti kollha, li għaddiet minnhom il-kamra u l-membri tagħha, miġbura u maħżuna għandna.

